# IL-KNISJA PARROKKJALI L-ĠDIDA TAGĦLAQ 50 SENA

**Il-ħsieb ta' knisja parrokkjali ġdida**

*Kitba ta' David Grech*

L-ewwel tentattiv biex tinbena knisja parrokkjali ġdida jmur lura għal bidu tas-snin tletin fi żmien il-parrokat ta' Dun Amabile Bonanno. Dan kellu x-xewqa li jixtri biċċa art fi Triq Birkirkara li fuqha kien hemm żewġt idjar Pembroke House u Boxer House. Il-ħsieb tiegħu kien li jwaqqa' dawn id-djar u flokhom jibni knisja parrokkjali ġdida. Għall-xi raġuni dan il-pjan qatt ma seħħ u dawn id-djar baqgħu hemm.




Il-popolazzjoni kompliet tiżdied bil-mod il-mod u skond iċ-ċensiment tal-Gvern tal-1948, il-popolazzjoni ta' San Ġiljan kienet tlahhaq 9,200. Għalhekk beda jinħass aktar li l-knisja ta' Lapsi ma għadiex kbira biżżejjed biex taqdi l-bżonnijiet tal-parroċċani.

Bl-inizzjativa tal-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Anton Debono, ġie maħsub li tinbena knisja ġdida, akbar u f'post aktar ċentrali biex tkun tista tintlaħaq mill-abitanti kollha li huma mxerrda sewwa. B'hekk din il-knisja tkun tista tilqa numru ferm akbar ta' parruċċani fiha, speċjalment meta jsiru funzjonnijiet solenni kbar, bħal festa ta' Qaddis Patrun, il-Ġimgħa l-Kbira u festi tal-Milied.

Interessanti insemmu li l-post li ntgħażel oriġinarjament biex tinbena l-knisja l-ġdida ma kienx dak fejn nafuha illum iżda kellha tinbena fuq biċċa art f' Misraħ Spinola fejn illum hemm id-daħla tat-Tigulio. Din ingħatat b' xejn minn ċertu Lippu Galea, jgħidulu ta' Sant' Antnin b' ċens ta' għaxar liri fis-sena Iżda kellha kundizzjoni li jekk il-bini ma jibdiex fi żmien 10 snin, din l-art terġa tingħata lura lil sidha jew il-werrita tagħha. Il-kappillan Debono ħareġ poster li tqassam mal-parroċċa kollha u fetaħ ukoll kont bankarju ħalli jinġabru l-fondi meħtieġa għal dan il-proġett ambizzjuż. Ix-xogħol beda billi qabbad lil xi ħaddiema biex jibdew ix-xogħol ta' tħaffir, iżda l-pediment ma setgħax isir minħabba li instab ammont ta' ilma baħar u tajn. Sfortunatamnet iż-żmien għadda u l-kuntratt skada u l-art waqgħet lura għand il-familja Galea.

Għaddew diversi snin u kellu jkun il-kappillan Dun Guido Calleja li ħa x-xogħol f' idejh billi xtara l-art fejn tinsab il-knisja illum. L-ewwel u l-akbar missjoni tiegħu kienet dik li jibni knisja parrokkjali ġdida biex tilqa' fiha n-numru dejjem jikber ta' parruċċani. Iddeċċieda li jixtri l-art malajr kemm jista jkun minħabba li l-gvern xtaq ukoll jakkwista l-istess biċċa art biex fuqha jibni skola primarja ġdida. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-art u tal-bini kienu dejjem qed jogħlew.



*Il-pediment tal-knisja l-ġdida*

L-art li intgħażlet biex fuqha tinbena l-knisja l-ġdida kienet ta' Karmela Galea minn Tas-Sliema, li kienet waħda minn neputijiet ta' l-istess Lippu Galea. Dun Guido iltaqa' mas-sinjura Galea u minn naħa tagħha din qabdet lin-nutar Anthony Attard biex jagħtiha l-pariri meħtieġa. Il-ftehim intlahaq bil-kundizzjoni li l-art tintuża biss għal bini tal-knisja u mhux



*Il-wasla tal-Isqof Gonzi fil-bajja ta' San Ġiljan*



għal żvillupp kummerċjali. Is-somma mitluba għax-xiri ta' din l-art kien ilaħħaq l-elfejn lira u finanzi ma kienx hemm biżżejjed. Il-ftehim kien jgħid li nofs il-ħlas ta' elf lira kellu jingħata malli jsir il-kuntratt u l-kumplament jitħallsu wara sitt xhur. Il-kuntratt ġie iffirmat fl-1 ta' Mejju 1957 quddiem in-Nutar Maurice Gambin. Malli sar il-kuntratt twaħħlet il-pjanta tal-post mal-bieb tal-knisja.

L-ewwel problema li iffaċċja kienet in-nuqqas ta' fondi u b' hekk hu u s-saċerdoti l-oħra bdew jinkoraġixxu lin-nies biex jgħinu aktar fid-donazzjonijiet tagħhom fil-funzjonijiet reliġjużi. In-nies obdew minnufih u l-ġbir żdied sewwa. Inbdiet ukoll skema biex in-nies jagħtu tmintax irbiegħi bħala kontibuzzjoni biex iħallsu għal ispejjeż ta' ġebla tal-knisja. Dawk il-benfatturi li jixtru għoxrin ġebla kien ikollhom sehem min-novena ta' quddies li jsir kull sena matul żmien il-Milied f' ħajjithom u wara mewthom. Saru wkoll fieri ta' kull xahar fil-Balluta u fil-festa ta' San Ġiljan u l-qliegħ minnhom mar għall-istess għan. Il-kappillan qabbad ukoll diversi żagħżagħ biex jiġbru l-flus billi jduru t-toroq ta' San Ġiljan u jħabbtu bieb bieb.

## It-tqegħid tal-ewwel ġebla

It-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali ġdida sar fid-9 ta' Lulju 1961. F'din l-okkażjoni speċjali, l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof Mikiel Gonzi ġie milqugħ b' demostrazzjoni kbira li tibqa' mniżżla fl-istorja bħala waħda mill-aqwa avvenimenti li qatt kellna fil-villaġġ tagħna. Dakinhar in-nies żejnu bi hġarhom il-bibien ul-faċċati tad-djar b' messaġġi u kliem favur l-Arċisqof u l-knisja. Il-bajja ta' San Ġiljan iżżejnet bil-bnadar max-xatt kollhu.

Fil-5.30 ta' filgħaxija l-Arċisqof tfaċċa fil-bajja ta' San Ġiljan akkumpanjat minn numru sabiħ ta' dgħajjes u laneċ imżejnien. Il-bajja ta' San Ġiljan kienet mimlija bin-nies jistennewh bil-bnadar f' idejhom. Hekk kif niżel l-art, l-Arċisqof ġie milqugħ mill-kappillan Dun Guido Calleja u rapreżentanti ta' diversi għaqdiet. Hu ingħata s-salut mit-trumbettieri tal-Banda ta' San Ġiljan li kienu qegħdin jistennewh flimkien mall-grupp tal-Boy Scouts tal-parroċċa.

Hekk kif l-Arċisqof beda riesaq lejn it-taraġ ta' Triq San Ġużepp sab jistennewh ħafna tfal immexxija minn Dun Karm Calleja li ukoll laqawh b'kant u tixjier ta' bnadar. Hu għadda minn ġo nofshom u rikeb karrozzella li kienet qed tistennih quddiem l-entratura tal-Palazz Spinola. Hekk kif wasal quddiem il-kappella tal-Kunċizzjoni ġew imtajra numru ta' ħamiem. Hu kompla triqtu sal-post tal-Knisja l-ġdida fost folla kbira ta' nies u akkumpanjat mill-Banda ta' San Ġiljan taħt it-tmexxija tas-surmast Anġlu Pullicino.



Serie A No. 000896

2/6

DONATION FOR ONE STONE TOWARDS THE NEW PARISH CHURCH of ST. JULIAN

KONTRIBUZZJONI TA' GEBLA GHALL-KNISJA GDIDA PARROKKJALI ta' SAN GILJAN

After your 20th donation you will benefit from the Novena of Masses to be celebrated annually for our Benefactors.

Wara li tkun tajt 20 kontribuzzjoni, tibda tieħu sehem min-Novena ta' Quddies li jsir kull sena għall-Benefatturi tagħna.

*L-irċevuta tad-donazzjoni biex tinbena l-knisja*



*Il-folla tistenna fi Triq San Ġużepp*



*It-tqegħid tal-ewwel ġebla*



*In-nies miġbura għal din l-okkażżjoni importanti*



*L-Isqof Gonzi waqt id-diskors tal-okkażżjoni*

Iċ-ċerimonja tat-tberik kellha tibda fis-sitta ta' filgħaxija iżda din ittardjat xi ftit minħabba r-rassa tal-folla li kien hemm matul it-triq. L-Arċisqof bierek l-ewwel ġebla u wara din tnieżlet f'postha fost iċ-ċapċip u l-għajjat tal-folla preżenti. Wara tbierek ukoll il-pediment kollu. Fi tmiem iċ-ċerimonja saru diskorsi tal-okkażżjoni mill-kappillan u l-Arċisqof.

## Il-ftuħ tal-Knisja

Dun Guido Calleja ra l-bini tal-knisja jitlesta hekk kif wasal biex itemm il-kariga tiegħu bħala kappillan. Sfortunatament, il-parrokkat tiegħu intemm qabel il-ftuħ uffiċċjali tagħha għax intbgħat biex iservi bħala kappillan fil-parroċċa ta' Stella Maris f' Tas-Sliema.

Il-kappillan ta' wara, Dun Ġwann Galea li laħaq fl-1966 kompla u temm ix-xogħol ta' ġewwa. Ix-xogħol sar kollhu mill-volontiera li kienu jaħdmu bla waqfien bil-Ħdud b' kollox. Kien għad baqa' ħafna xi jsir bħax-xogħol ta' invjar, aperturi, paviment, irħam, plumbing, elettriku u l-artal prinċipali u dawk tal-ġnub. Saru wkoll il-kunfissjonarji, bankijiet, il-crying rooms u tant affarijiet oħra. Skond il-pjanta oriġinali l-artal maġġur kien sa jkun fil-għoli wisq u jkun maqtugħ minn nies, b'hekk ittieħdet deċiżjoni biex dan jinżel għal-livell tal-presbiterju.

Il-knisja parrokkjali l-ġdida fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku fis-7 ta' April 1968 f'Jum Ħadd il-Palm. Il- ftuħ uffiċċjali tagħha sar fil-25 ta' Awwissu 1968 u ġiet imbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.



# KURŻITAJIET INTERESSANTI

- Taħt l-ewwel ġebla tal-knisja tpoġġew żewġ medalji mibgħuta mill-Papa Ġwanni XXIII, waħda bil-wiċċ tiegħu fuq faċċata u fuq in-naħa l-oħra wiċċ tal-Papa Piju X. Il-medalja l-oħra kienet ta' San Ġwann Bosco u l-Madonna Awżiljatriċi. Tpoġġew ukoll medalja tar-Reġina Elizabetta u stoċċ tar-ramm li fih tqiedet parċmina bl-istorja bil-latin li tfakkar il-ġrajja tal-bini tal-knisja.
- Il-knisja hija mibnija fuq il-ġenb tax-xellug ta' dak li kien il-Wied ta' Sant' Antnin, jew Wied il-Kbir.
- Il-pjanta tal-knisja inħadmet mill-Perit Arturo Zammit.
- Il-knisja tesa madwar 2,000 ruħ
- L-ewwel quddiesa li ġiet iċċelebrata fiha kienet fil-festa tad-Duluri fis-17 ta' Marzu 1967. Din saret wara l-purċissjoni annwali u x-xogħol fil-knisja kien għadu ma tlestiex kompletament.
- Il-knisja swiet madwar £50,000 biex tlestiet.
- Il-ħinijiet tal-quddies tal-Ħdud kien jibda fil-4.30am u matul il-ġimgħa fil 5.45am.
- Il-knisja laqgħet fiha lill-Papa Ġwanni Pawlu II waqt iż-żjara tiegħu f' Malta fis-27 ta' Mejju 1990.
- L-ewwel kappillan li serva f' din il-parroċċa mill-bidu tal-kariga tiegħu kien Dun Tony Agius li laħaq fl-1 ta' Frar 1982.
- Il-qniepen eletroniċi ġew imbierka mill-kappillan Dun Ġwann Galea fit -18 ta' Jannar 1970.
- L-orgni li jinsab wara l-artal huwa tad-ditta Mascioni u ngħata mill-Kav. Charles Cremona. Dan sewa £4,800.
- L-aħħar festa ta' San Ġiljan iċċelebrata fil-Knisja ta' Lapsi kienet fid-29 ta' Awwissu 1967.
- L-ewwel tqarbina fil-knisja l-ġdida saret fl-1968.
- Il-kurċifiss ta' fuq l-artal sar minn Emvin Cremona fl-1985.
- L-istazzjonijiet tal-Via Sagra li jdawru l-knisja saru minn Marco Cremona, li hu iben il-pittur magħruf Emvin Cremona u x-xogħol fuqhom beda fl-1976 u twaħħlu fl-1982. Kull stazzjon huwa twil 4 metri u kważi metru għoli.
- L-ewwel magħmudija kienet ta' Neville Minuti bin Ronald u Aloysia Minuti fid-9 ta' April 1968.
- L-ewwel funeral kien ta' Agatha Agius li mietet fl-għomor ta' 88 sena u li kienet toqgħod fi 88, Triq Lapsi. Il-funeral sar fid-9 ta' April 1968 fil-12.30pm.
- L-ewwel żwieġ li sar f'din il-knisja kien dak bejn Alfred Dimech u Dolores Rogers fis-7 ta' April 1968.